MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Avviz Numru. 453/2002

**Oil Tanking Malta Ltd.**

**vs**

**Sea Malta Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fil-11 ta' Lulju, 2002 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallasha s-somma ta' elf u tmien mitt lira ta' Malta (Lm1,800) rapprezentanti l-prezz ta' "wharfage fees" in konnessjoni mal-ghoti ta' 'berthing facilities' lil M.V. Attahadi skond ftehim datat 3 ta' Lulju, 2001, liema kundizzjonijiet ta' "wharfage" gew mgharrfa lilhom u ma gewx kontestati minnhom.

Rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta gew ingunti ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Mejju, 2002, debitament notifikata lill-konvenuti fit-3 ta' Gunju, 2002, u bl-imghaxijiet kummercjali mis-7 ta' Lulju, 2001, data li fih inghata 'l fuq imsemmi servizz.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi s-socjeta' konvenuta personalment ma ghandha l-ebda relazzjoni mal-kumpanija attrici u ma ghandha thallas xejn stante illi hija dejjem agixxiet fil-kwalita' taghha ta' agent ghan-nom u in rapprezentanza ta' terzi u dan kif kienet taf l-istess socjeta' attrici.

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fit-3 ta' Lulju, 2001 is-socjeta' konvenuta baghtet fax lis-socjeta' attrici fejn kienet qed titlob servizzi ta' *berthing facilities* u *supply* ta' *spare parts* u stores ghal M.V. Attahadi. Is-socjeta' attrici accettat din ir-rikjesta u pprovdiet is-servizzi. Il-vertenza bejn il-partijiet hija li filwaqt li s-socjeta' attrici qieghda titlob il-hlas minghand is-socjeta' konvenuta personalment, din ta' l-ahhar qieghda tghid li hi dejjem agixxiet bhala agenta ghan-nom ta' haddiehor. Fil-fatt l-eccezzjonijiet taghha huma proprju fuq dan il-punt.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidhrilha illi l-fax originali illi pogga inperspettiva l-kaz kollha huwa ta' mportanza vitali. Il-fax jinsab esebit a fol 17 tal-process u fih s-socjeta' konvenuta qieghda titlob il-facilitajiet minghand is-socjeta' attrici. It-talba saret minn

Mark Scerri bhala *agency executive* fejn hemm in parentesi *"as agents on behalf of owners/principals".* Is-socjeta' attrici rrispondiet b'fax iehor ta' l-istess data a fol 18 fejn accedew ghat-talba u taw ir-rati taghhom. Is-servizz gie pprovdut u s-socjeta' attrici baghtet *invoice* lis-socjeta' konvenuta ghal hlas ta' dawn is-servizzi (fol 20).

Is-socjeta' konvenuta mall-ewwel eccepiet illi t-talba saret bhala agenta ghan-nom tal-kumpanija GNMTC u mhux ghaliha personalment. Informat lis-socjeta' attrici illi malli l-awturi taghhom jipprovdu l-flus, huma jkunu jistghu jhallsu. Is-socjeta' attrici pero' ma accettatx din l-iskuza u meta rat li baqghet ma thallsitx intavolat din il-kawza fejn harrket lis-socjeta' Sea Malta personalment.

Il-Qorti jidhrilha illi dan ma setghetx taghmlu. It-talba tas-socjeta' konvenuta hija wahda cara u maghmula ghan-nom ta' terzi. Il-kliem fuq imsemmi huwa car u ma jhalli l-ebda lok ta' dubbju, quindi s-socjeta' attrici ma kellha l-ebda dritt tbiddel unilateralment it-termini ta' l-ingagg billi tassumi xi haga li ma kienetx. F'din l-operazzjoni s-Sea Malta kienet qed tagixxi bhala agenta u dana wrietu car ma' l-ewwel fax fejn talbet is-servizz. Dan il-fax jorbot il-partijiet darba jigi accettat kif inhu u mir-risposta tas-socjeta' attrici a fol 18 minn imkien ma jirrizulta illi bidlu t-termini ta' l-ingagg. F'dan il-fax is-socjeta' attrici qieghda taccetta li tipprovdi s-servizz u tat ir-rati.

Din l-accettazzjoni hija kondizzjonata ghall-ewwel fax a fol 17 fejn is-socjeta' konvenuta qieghda tagixxi ghan-nom ta' haddiehor. F'dan l-istadju s-socjeta' attrici kienet libera taccetta jew le dawk il-kondizzjonijiet, pero' ma kienetx libera li tbiddilhom unilateralment u timponi kondizzjonijiet li ma kienux jezistu mill-bidu nett. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li ma tistax tippretendi l-hlas minghand is-socjeta' Sea Malta direttament, izda minghand is-socjeta' Sea Malta bhala agenta ghan-nom ta' terzi. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' konvenuta ghandha ragun meta tecepixxi illi hi m'ghandha thallas xejn peress illi hi dejjem agixxiet ghan-nom ta' haddiehor.

F’din il-kawza s-socjeta’ Sea Malta qieghdha tigi mharrka fil-kwalita’ taghha, fejn allura l-Qorti ma tistax tilqa’ t-talba, peress illi gie ampjament ippruvat illi s-socjeta’ konvenuta dejjem agixxiet ghan-nom tas-socjeta’ Libjana GNMTC u mhux ghaliha nnifisha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi, illi tichad it-talba tas-socjeta’ attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------